MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 224/2003

**Raymond Farrugia**

**Vs**

**Vincent Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas l-ammont ta’ erbat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm4,500) rapprezentanti danni sofferti minn Raymond Farrugia fosthom dawk ta’ telf ta’ xoghol u telf ta’ qliegh u dan stante illi kellu jikri vann ghax-xoghol tieghu u dana bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku illi gara fl-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April, 2001 ghall-habta ta’ 15.20 fi Triq il-Belt Valletta, Rabat, bejn il-vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni GVN 066, misjuqa mill-konvenut Vincent Farrugia u l-vettura Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni IMY 358, misjuqa minn

Raymond Farrugia u propjreta ta’ Maria Theresa sive Marthese Cassar, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiu da parti tal-konvenut. B’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni ulterjuri kagunati bhala konsegwenza tal-istess incident fl-avviz indikat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata fit-18 t’Ottubru, 2002, u bl-imghax legali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-attur stante li dan saq il-vettura Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni IMY 358 bi traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u hekk, nhar il-25 t’April 2001 ikkawza l-incident li fih ghamel hsara lill-vettura Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni GVN 066 misjuqa mill-konvenut Vincent Farrugia, u ghalhekk il-konvenut m’ghandux jinstab responsabbli u m’ghandux ikun ikkunannat ihallas id-danni u l-ispejjez.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tingieb prova tas-somma mitluba.
3. Illi subordinatament u minghajr pregiduzzju ghas-suespost, l-ammont huwa esagerat.

Salv eccezzonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

L-esponent talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Novembru 2002, kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l–atti kollha tal-kawza specjalment il-verbali a fol 21 u fol 55.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-kaz in desamina, kif jirrisulta a fol 28 et seq ibid a fol 55 ibid:-

a) Di gja, kien hemm proceduri legali mehudin minn Maria Theresa Cassar oht l-attur u proprjeta tal-'vini van' numru IMY 358, misjuq mill-attur, kontra l-istess konvenut u dan gie dikjarat b'mod finali, illi kien responsabbli 'in toto' tal-incident stradali imsemmi fl-avviz.
b) L-istess konvenut, fil-procedura odjern ammetta ir-responsabilita tieghu ghall-isetss incident u, filfatt, qed jigi kontestat biss, il-'quantum; tad-danni inkorsi mill-istess attur u pretizi minn dan fuq bazi ta' telf ta' xoghol u ta' qliegh.

Ikkunsidrat

Illi l-attur spjega (fol 23, fol 61, fol 65, fol 83 u fol 89 et seq ibid) illi x-xoghol tieghu kien ta' 'mini bus driver', b'xoghol jinghata lilu minn Emmanuel Frendo, li jahdem ma' 'Co-op Services Ltd'. In rigward l-istess xoghol hu kien juza l-'mini bus' imsemmi izda wara li gara l-incident in esami fil-25 ta' April 2001, l-istess vettura giet dikjarata 'beyond economical repair' (ara ukoll fol 34 tieni paragrafu kif ukoll is-'survey report' a fol 26 u fol 27 ibid) u ghalhekk 'jiena … spiccajt minghajr 'minibus' u ma stajtx inkompli bix-xoghol tieghi tat-'trips' …". Hu ssottolinea illi ma' sab l-ebda 'mini bus' (mill-hekk imsejjha 'homor') sabiex hu jista' jikrieh izda kien sab biss mill-'bojod' li ghandhom kapacita inferjuri u b'hekk ma jghoddx ghall-istess xoghol tieghu. Hu minnu illi seta' jixtri 'van' iehor tal-istess tip izda jidher li, fuq is-suq, kien qed jinhargu ohrajn aktar moderni izda aktar ghaljin bil-prezz minn dak li hu kellu a disposizzjoni tieghu qabel l-incident. Minhabba, din ic-cirkostanza hu kien dam sal-31 ta' Dicembru 2001 sakemm kien sab 'van' iehor u xtrah (ara fol 37 ibid). Minhabba dan kollu kif spjegat hu kien dam sitta u tletin (36) gimgha minghajr xoghol u, f'dan il-perjodu, ix-xoghol allokat lilu kien inghata lil sewwieq iehor. Inoltre, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, hu kien wegga kif jidher mic-certifikati a fol 48 sa fol 49 ibid u kien tajjeb ghax-xoghol mill-10 ta' Lulju 2001.

Inoltre kien seta, biss, ghar-ragjuni spjegata fl-istess xhieda, jerga jibda jahdem minn Jannar 2002. Dwar id-danni skond kif spjega b'aktar dettal ix-xhud Emanuel Frendo (fol 50 u fol 51 ibid), dwar il-vjaggi u rotot assenjati lill-attur (ara ukoll fol 52 ibid) l-istess xhud specifika illi l-attur kien jaqla' mix-xoghol tieghu Lm21.02 kull jum u dan minn vjaggi bit-tfal tal-iskejjel. Inoltre kien jaqla, ukoll minn vjaggi b'haddiema ta' fabbrika specifikata, dan tal-ahhar matul is-sajf u bi hlas ta' Lm21 kull jum. Fuq din il-bazi, l-attur (fol 25 ibid) qed jippretendi s-somma inklusi spejjes medici globali ta' Lm3,888.60 ossija ammont inqas minn dak mitlub fl-avviz. In kontro esami, l-attur semma illi kien jesegwixxi fil-hin liberu xoghol iehor akkwistat minnu stess u mhux permezz ta' Emanuel Frendo.

Minhabba l-istess incident, hu ma setax jaghmel dan ix-xoghol ghall-istess ragunijiet. Inolte, hu kien esebixxa r-'returns' kemm tat-taxxa fuq il-qliegh kemm tat-taxxa fuq il-valur mizjud (fol 67 sa fol 71 ibid u fol 75 sa fol 76 ibid) u dan ghas-snin 2000 sa 2002 fil-formoli ta' Aggustament dwar it-taxxa fuq il-qliegh ghall-istess snin (fol 90 sa fol 93). Hawnhekk ta' minn jinnota illi matul is-sena' inkwistjoni (ara fol 92 ibid) id-dhul kollu tal-attur kien naqas sostanzjalment (ara, per ezempju fol 93) u dan , presumibilment u probabilment minhabba, l- u bhala konsegwenza tal-, incident in esami.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' tad-danni sofferti mill-attur, jigi notat illi:-

1) L-istess attur irriduca hu stess, dan l-ammont minn Lm4,500, kif hemm mitlub fl-avviz ghal Lm3,888.60 kif spjegat fix-xhieda tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma' tarax kif jista jigi ridott, ulterjorment, l-istess ammont.

2) Mill-formoli ta' aggustament esebiti jidher li, filfatt, kien hemm riduzzjoni sostanzjali fil-qliegh tal-attur ghas-sena bazi 2001.

Illi minn dan kollu kif espost, jidher ghalhekk illi l-ammont kif ridott ghandu jithallas lill-attur b'mod gustifikat u minghajr ma jista' jigi ridott ulterjorment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' 'in parte' it-talbiet attrici u:-

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif ammess mill-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni dovuti fis-somma ta' Lm3,888.60 ossija €9058.00.
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm3,888.60 ossija €9058.00 bl-imghax legali mit-18 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2002, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn sitta (1/6) mill-attur u kwantu ghal hamsa minn sitta (5/6) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------